MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 674/2006

**Mobisle Communications Limited**
**vs**

**Lara Ann Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta` Lulju, 2006, fejn gie mitlub li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-socjeta` attrici is-somma ta` mija u wiehed u tmenin lira u ghoxrin centezmu (Lm181.20), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 41311 ghal servizzi rezi fix-xhur ta` bejn April, 2004 u Awissu, 2004.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqghet ma pprezentatx ebda risposta in kontestazzjoni ma` l-istess talba.

Sema` ix-xhieda tal-PL Peter Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`din il-kawza ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenuta thallas is-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mija u wiehed u tmenin lira u ghoxrin centezmu (Lm181.20), bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta` l-ittra ufficjali tat-22 ta` Gunju, 2006 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------